MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 8 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 01

It-Tlieta, 2 ta' Lulju, 2019

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.15 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia (JF) | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Doriana Portelli (DP) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Maria Mifsud ( MM) | Kunsillier |
| Is-Sur Carlo Stivala ( CS) | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |
| | |
| Membri tal- Pubbliku: | (3) |

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Nil

ASSENTI
Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Is-Sur Duncan Hall – Deputat Segretarju Ezekuttiv

## Minuti

Is-Sur Joseph Baldacchino ppresjeda l-laqgha fil-kwalita’ tal-aktaril-kunsillier li kien ilu jservi kontinwament fil-kariga u li jappartjeni lil dak il-partit jew organizzazzjoni li fl-aħħar Elezzjoni Lokali eleġġa il-maġġoranza tal- kunsilliera, u stieden lis-Sur Joseph Farrugia u l-Kummissarju ta

## 1.1 Hatra ta’ Sindku – Accettazzjoni tal-kariga ta’ Sindku;

1.1.1 Il-Kunsillier Joseph Farrugia qara u ffirma l-gurament ta’ Accettazzjoni ta’ Hatra ta’ Sindku tal-Lokalita’ ta’ Birzebbuga fil-prezenza tal-kummissarju ghall-gustizzja Dr.Ian Micallef, illi ssejjha ghal din il-laqgha u gie ddikjarat Sindku ta’ Birzebbuga.

1.1.2 Is-Sindku Joseph Farrugia ha postu bhala Sindku tat-tmien legislatura tal-Kunsill Lokali ta’ Birzebbuga u rringrazzja lill-membri prezenti.

## 1.2 Hatra ta’ Vici-Sindku – Accettazzjoni tal-kariga ta’ Vici-Sindku;

1.2.1 Il-Kunsillier Scott Camilleri qara u ffirma l-gurament ta’ Accettazzjoni ta’ Hatra ta’ Vici-Sindku tal-Lokalita’ ta’ Birzebbuga fil-prezenza tal-kummissarju ghall-gustizzja Dr.Ian Micallef, illi ssejjha ghal din il-laqgha u gie ddikjarat Vici-Sindku ta’ Birzebbuga.

1.2.2 Il-Vici Sindku rringrazzja lill-membri prezenti.

## 1.3 Indirizz mis-Sindku;

1.3.1 Is-Sindku sahaq dwar l-importanza illi jkun hemm l-ghaqda bejn il-Kunsilliera. Is-Sur Farrugia semma kif fl-opinjoni tieghu kien krucjali li kull kunsillier ikun konxju mill-hidma li jkun qieghed iwettaq il-Kunsill Lokali. Huwa zied jghid illi fir-rigward, flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali, kien ser ikun qieghed jaghmel dak kollu possibbli sabiex dan isehh. Is-Sur Farrugia qal li personalment kien fidujuz fil-kunsilliera eletti kollha u kien konvint illi l-elettorat kien ghazel membri li kienu ser jahdmu sfiq favur il-lokalita’.

## 1.4 Tqassim ta’ responsabilitajiet u kumitati;

1.4.1 Is-Sindku qal illi wara li kien ikkonsulta ma’ kull membru elett, kien qieghed jassenja r-responsabilitajiet ghat-tmiem legislatura kif gej:

*Joseph Farrugia – Sindku*
Customer Care, Rapprezentant f’isem il-Kunsill Lokali ghar-Regjun Nofsinhar, Rapprezentant f’isem il-Kunsill Lokali ghall-Fondazzjoni GAL XLOKK, Rapprezentant f’isem il-Kunsill Lokali ghall-Malta Freeport Terminals Ltd., Works Manager, Infrastruttura

*Scott Camilleri – Vici- Sindku*
Agenzija Zghazagh, Youth Exchanges, Kultura (inkluz progetti relatati), Storja, Fondi tal-Unjoni Ewropeja, Ghaqdiet Lokali

*Stanley Zammit – Kunsillier*
Street Lighting, Immaniggjar tat-traffiku, Infurzar u Sigurta', Protezzjoni Civili, Innovazzjoni, Fondi tal-Unjoni Ewropeja

*Josette Busuttil - Kunsilliera*
Attivitajiet u Attivitajiet Kulturali, Playing Fields, Qasam Socjali, Persuni bi bzonnijiet Specjali, Integrazzjoni, Komunitajiet

*Sandro Alex Caruana – Kunsillier*
Trasport Pubbliku, Kordinament mal-Gvern Centrali, Corporate Social Responsibilites, Finanzi, Fondi Nazzjonali u skemi u Progetti

*Doriana Josepha Portelli – Kunsilliera*
Edukazzjoni, Libreriji Pubblici, Harsien tal-annimali, Espressjonijiet Artistici, Zghazagh u Tfal

*Maria Mifsud – Kunsilliera*
Ambjent, Indafa, Turizmu

*Carlo Stivala – Kunsillier*
Sport u Attivitajiet Fizici, Komunitajiet kummercjali, Intraprizi Zghar u Medji, Qasam Marittimu

*Joseph Baldacchino – Kunsillier*
Anzjani, Rapprezentant f'isem il-Kunsill Lokali ghall-Malta Freeport Terminals Ltd., Xogholijiet u sorveljanza, Customer Care

## 1.5 Qbil dwar il-Gurnata u l-hin tal-laqghat;

1.5.1 Is-Sindku Joseph Farrugia qal illi hekk kif legalment stabbilit, kien jinhtieg illi l-Kunsill Lokali jidentifika gurnata u hin meta kienu ser jibdew jinzammu s-seduti tal-Kunsill lokali.

1.5.2 Wara diskussjoni libera gie stabbilit illi l-jum tas-seduti kellu jkun it-tnejn. Is-Seduti kellhom jibdew fil-5:30pm.

## 1.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

1.6.1 Il-laqgħa intemmet fit-6.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta , 9 ta' Lulju 2019 fl-5:30p.m.

Konfermati, illum 9 ta' Lulju, 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | ___________________ |
| Joseph Farrugia | Duncan Hall |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |